MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru 39/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Jason Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Vella, bin Lino u Maria nee` Caruana, residenti fil-fond Lewza, Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 207093(M) li gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2011 ghal habta ta' 11.30hrs fl-istabbiliment Pizza Marina li jinsab Shore Street, Ghajnsielem Ghawdex kiser garanzija maghmula nhar it-13.07.2011, liema garanzija kienet maghmula skont is-subartikolu 1 tal-artiklu 39 tal-Att Nru XIV tal-2002.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-10 ta' Jannar, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Jason Vella hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500.00).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jason Vella minnu prezentat fil-25 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet il-provi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012

**5.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fl-10 ta' Gunju 2011 saret spezzjoni minn ufficjali tad-Dipartiment tas-Sahha Ambjentali fl-istabbiliment Pizza Marina, Triq ix-Xatt, Imgarr, Ghawdex. Waqt l-ispezzjoni gew innotati xi nuqqasijiet konra l-Att dwar is-Sigurta' fl-Ikel li vista taghhom id-Dipartiment esiga impenn jew garanzija minghand l-imputat. Din il-garanzija giet rilaxxjata u ffirmata mill-istess imputat. In-nuqqasijiet li l-imputat impenja ruhu li jirrimedja bil-garanzija msemmija baqghu ma gewx indirizzati fiz-zmien li kellhom jigu rimedjati ghalkemm dawn eventwalment trangiaw sad-data li l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti.

**6.** L-aggravji tal-appellant huwa essenzjalment wiehed u huwa sostanzjalment ta' natura legali u cioe' li l-appellant ma setax jinstab hati taht l-artikolu 39 tal-Kap. 449 peress li l-garanzija sottoskritta minnu ma kienetx konformi ma' dak rikjest mill-istess artikolu 39. L-aggravju tieghu huwa spjegat kif gej taht forma ta' zewg aggravji li izda essenzjalment huma aspetti tal-istess aggravju:

1. In-nuqqasijiet li l-imputat gie msejjah jirrimedja bil-garanzija rilaxxjata minnu ma jinkwadrawx fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kap. 449 peress li dak l-artikolu ma jesigix li l-persuna taghmel xi att pozittiv sabiex jigu eliminati xi nuqqasijiet izda jawtorizza biss lill-awtorita' kompetenti sabiex il-persuna koncernata "tieqaf mill-kondotta". Barra minn hekk l-istess aritkolu ma

jawtorizzax lill-awtorita' tipprefiggi xi terminu biex fih jigu rimedjati n-nuqqasijiet izda biss li tistabilixxi perjodu li matulu l-kondotta offensiva kellha tieqaf.

2. L-artikolu 39(1) msemmi huwa applikabbli biss ghar-reati mahsuba fl-artikoli 11 sa 14 u 16 sa 19 tal-Kap 449 li kollha jipprevedu att pozittiv tal-operatur u ghalhekk jista' jitwaqqaf mill-ghemil ta' dak l-att pozittiv.

Ikkunsidrat:

**7.** L-infrazzjonijiet li ghalihom kienet tirreferi l-garanzija kienu jikkonsistu fis-segwenti:

-- failed to keep surfaces and shelving smooth, impervious, washable, of non toxic material and maintained in sound condition such to be easy to clean and where necessary disinfect;

-- failed to supply wash hand basin in Ladies and Gents toilets with hot water at a suitably controlled temperature and hand drying facilities;

-- failed to facilitate and permit the implementation of good food hygiene practice or standards for assuring food hygiene. (material being used in contact with food should be food grade and cleaning materials to be stored separately away from preparation)

-- failed to implement a food safety managemenet system such as HACCP or any other equivalent (Documentation re cleaning schedules, temperatures of fridges/freezers and pest control)

**8.** Dawn in-nuqqasijiet kellhom jigu rimedjati fi zmien 4 gimghat u jekk dan ma jsirx jittiehdu passi legali bil-qorti kontra tieghu u dan ghat-tenur tal-artikolu 39 kif indikat fil-garanzija stess.

**9.** Meta jittiehed qis tal-infrazzjonijiet indikati fil-garanzija abbinati mal-artikolu 39 citat fl-intestatura tal-istess garanzija ma hemm ebda dubbju li l-effett ta' dik il-

garanzija huwa li l-imputat kien qieghed jigi mwissi li ghall-perjodu kollu wara t-trapass taz-zmien ta' 4 gimghat koncessi lilu huwa kellu jieqaf milli jkompli jopera l-istabbiliment tieghu minghajr ma jkunu gew implimentati l-mizuri specifikati fil-garanzija. Dan jinkwadra perfettament f'dak previst fl-artikolu 39 imsemmi.

**10.** Kif tajjeb irrileva l-appellant, izda, l-artikolu 39 jipprevedi wkoll li hu necessarju li n-nuqqasijiet identifikati fil-garanzija jkunu jinkwadraw f'wiehed mill-artikoli 11 sa 14 u 16 sa 19 tal-Att dwar is-Sigurta' tal-Ikel (Kap. 449).

**11.** L-ewwel infrazzjoni indikata fil-garanzija tirrigwarda l-htiega li jinzammu l-ucuh u l-ixkaffar fi stat li jkunu facilment jitnaddfu u disinfettabbli. In-nuqqas taz-zamma tal-ucuh u l-ixkaffar fl-istat indikat fil-garanzija jirrizulta fiz-zamma tal-post mhux fi stat nadif u fi stat li ma jkunx jippermetti tindif adegwat jew dizinfettar tal-attrezzatura in kwistjoni li per konsegwenza ma jkunux ta' protezzjoni kontra l-gbir ta' hmieg, kuntatt ma' materjal tossiku, t-tixrid ta' partikoli fl-ikel u l-formazzjoni ta' kondensazzjoni jew moffa mhux mixtieqa fuq kull wicc bi ksur tal-partiti 2 u 3(a)(b) tat-Taqsima I tal-iSkeda mar-Regolamenti dwar l-Igene ta' l-Ikel (AL 264/2002). Dan jirrizulta fi ksur tal-artikiolu 11(2) tal-Kap 449 li jipprovdi li ebda post tal-ikel ma ghandhom jintuzaw mod iehor hlief "skont kull regolament li japplika ghalihom". Meta fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant ccita l-artikolu 11 msemmi wasal biss sa tlett kwarti tat-triq izda naqas milli jiccita l-kliem krucjali hawnhekk sottolineati li jikkonkludu l-artikolu 11(2) msemmi.

**12.** Hemm artikoli ohra tal-Kap 449 li setghu gew miksura apparti l-artikolu 11 msemmi izda fic-cirkostanzi ma hemmx htiega li din il-Qorti tapprofondixxi din l-eventwalita' peress li dak li inghad hu gia sufficjenti sabiex jindirizza l-aggravju principali tal-appellant.

**13.** In kwantu ghat-tieni infrazzjoni msemmija fil-garanzija din tinkwadra fil-partita 4(1)(2) tat-Taqsima I tal-iSkeda mar-Regolamenti dwar l-Igene ta' l-Ikel li jipprovdu li ghandu jigi nstallat ghadd bizzejjed ta' sinkijiet mahsubin

ghall-hasil ta' l-idejn f'postijiet tal-ikel li ghandhom jitqieghdu ghas-sodisfazzjoni ta' l-awtorita' tas-sahha.u li ghandu jkun hemm f'kull waqt materjal adatt ghall-hasil ta' l-idejn u ghat-tinxif igjeniku tal-idejn. Ghalhekk, meta l-imputat appellant ma ottemprax ruhu mal-garanzija ghar-rigward din l-infrazzjoni huwa gie li naqas milli jieqaf milli jkompli jopera l-istabbiliment tieghu minghajr ma qabel jimplimenta il-mizuri indikati fil-garanzija rigward din l-infrazzjoni u hekk gie li kiser l-artikolu 39.

**14.** It-tielet infrazzjoni elenkata fil-garanzija tirreferi ghall-fatt li l-imputat appellant naqas li jiffacilita u jippermetti l-implimentazzjoni ta' prattici tajba ta' igjene tal-ikel u standards li jassiguraw igjene tal-ikel u dan bil-modi indikati fl-istess garanzija. L-imputat accetta li kien naqas f'dan ir-rigward meta huwa ffirma l-garanzija u obbliga ruhu li jimplimenta l-mizuri necessarja biex jikkonforma ruhu. Din l-infrazzioni tinkwadra fil-partita 3(c) tat-Taqsima I tar-Regolamenti gia indikati u ghalhekk meta l-imputat naqas milli jkompli jopera l-istabbiliment tieghu minghajr ma qabel jimplimenta il-mizuri indikati fil-garanzija rigward din l-infrazzjoni huwa gie li b'hekk ukoll kiser l-artikolu 39.

**15.** L-ahhar infrazzjoni tirrigwarda n-nuqqas tal-appellant li jimplimenta sistema ta' gestjoni dwar is-sigurta' tal-ikel bhal dik specifikata fil-garanzija. Dan in-nuqqas gie wkoll accettat mill-appellant fil-garanzija li ffirma ghaliha. Din l-infrazzjoni tinkwadra fir-regolament 7 tar-Regolamenti gia citati.

**16.** Ghalhekk, il-garanzija in kwistjoni f'dawn il-proceduri kienet u hi konformi ma' dak rikjest fl-artikolu 39 u l-aggravji tal-appellant qieghdin jigu michuda.

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi tichad l-appell tal-appellant Jason Vella u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------